

# Fis-Sena tal-Ġublew il-Kbir jaħbat iċ-Ċinkwantenarju tal-Bażikika



***Jikteb Anton Mallia Borg***

Sa minn snin ilu, il-Papa Ġwanni Pawlu II ħejjiena lkoll għas-sena 2000 b'entużjażmu u b'ottimiżmu. Hu kellu x-xorti li jdaħħal il-Knisja ta' Kristu fil-millenju l-ġdid. Il-millennju hu ta' Kristu l-Mulej, li tiegħu il-Papa hu l-Vigarju. Aħna l-Maltin bħala parti mill-Knisja ta' Kristu li tgħix fuq art ixxurtjata li ġiet imħabbra mill-Appotslu tal-Ġnus, nixtiequ li x-xewqat sbieħ li Ġwanni Pawlu għamlilna b'ilsien art twelidna nhar il-Milied, imexxuna u jqarrbuna aktar lejn Kristu, li hu ċ-ċentru ta' l-istorja.

Tul il-mixja tas-snin, anzi tas-sekli, il-poplu ta' dawn il-gżejjer, minkejja diversi ħakkiema, dejjem żamm l-identita' tiegħu bħala poplu nisrani li għalih Kristu kien il-veru mexxej. Għal dan il-għan, il-poplu dejjem żamm rabta shiħa mal-papa, is-suċċessur ta' Pietru l-ewwel Papa li fuqu Ġesu` ried li tinbena l-Knisja tiegħu. Hekk igħallmu l-għorrief: "Fejn hemm Pietru, hemm ukoll il-Knisja" (Ubi Petrus, ibi Ecclesia). Aħna ulied il-Knisja nixtiequ nkomplu ngħidu, kif kienet tħobb tgħid id-Duttur ta' Avila, Santa Tereża, "Ma rridu li xejn u ħadd jifridna minn din il-għażla ta' Alla u tagħna".




Għalina Karkariżi dan il-millenju għandu tifsira speċjali. Hu jfakkarna f'paġna sabiħa fl-istorja ta' post twelidna ukoll jekk qabilha seta' kien hemm paġni oħra, mhux tant feliċi. Meta nsemmi s-sabiħa, qed nirreferi għall-għoti tat-titlu ta' BAŻILIKA MINURI lit-tempju arkitettoniku tagħna, fejn il-Kapitulari tal-Kolleġġjata Elenjana, imwaqqfa mill-Papa Urbanu VIII sa mill-5 ta' Diċembru 1630, għadhom sa llum jiltaqgħu biex jaqdu l-iskopijiet li għalihom twaqqfet.

Ir-rikorrenza tat-3 ta' Mejju 1950 tat bidu għal ċelebrazzjonijiet esterni tal-festi reliġjużi, bil-parteċipazzjoni sħiħa ta' kull kategorija tal-poplu. Dan il-poplu Karkariż għal tant snin kien imċaħħad milli jiċċelebra esternament il-festa tiegħu bħal kull raħal ieħor ta' Malta. Dan ġara kemm minħabba l-gwerra kif ukoll minħabba soppressjoni ta' ċerti drittijiet li l-Kolleġġjata sa minn sekli qabel kienet tgawdi. Dan l-intervall ta' nuqqas ta' ċelebrazzjoi tal-festa esterna kien ta' skuntentizza għall-poplu Karkariż. L-Awtoritajiet tal-Knisja f'Malta kienu jafu x'qed jiġri f'wieħed mill-eqdem u mill-akbar post fil-Gżejjer Maltin, li fil-kors ta' l-istorja dejjem ta s-sehem tiegħu fil-qasam kulturali, reliġjuż, politiku u strateġiku ta' Malta. Nixtieq li 'l quddiem xi storiku jidħol aktar fil-fond f'dan il-qasam u joħroġ fil-beraħ dawn il-paġni sbieħ u ta' glorja, moħbija għal ħafna. Biex dawn il-paġni nkitbu, żgur li kien hemm fin-nofs il-ħidma, id-determinazzjoni u s-sagrifiċċju minsuġ minn mumenti ta' tensjoni u taqtiegħ il-qalb ta' bosta Karkariżi ta' rieda tajba.



L-intervent f'waqtu ta' l-E.T. Rev. ma Mons Mikiel Gonzi, Arċisqof ta' Malta, li kien segwa kollox kemm meta kien Ragħaj tal-Gżira tat-tliet għoljiet kif ukoll meta fl-1942 sar Isqof ta' Malta u wara Arċisqof ta' l-Arcidjoċesi, impenja ruħu

bil-fatti biex din il-problema ta' Birkirkara tinħall b'rieda tajba. Il-passi li ħa l-Arċisqof Gonzi kienu effikaċi u taw il-frott mixtieq. F'Jannar tas-sena 1950 ħarġet il-Bolla Papali li biha l-Kolleġġjata Elenjana ġiet mgħollija għad-dinjita' ta' BAŻILIKA MINURI. Iżda din l-aħbar twasslet uffiċjalment nhar is-Sibt 22 ta' April '50. Il-Prepostu Emanuel Vella, liebes il-kappa tela' fuq il-pulptu u qara d-Digriet ta' l-Erezzjoni ta' Bażilika. Hu ġie milqugħ b'applaws u entużjażmu tassew kbir. Il-poplu irranka l-ħidma tiegħu biex jiċċelebra deċentement l-ewwel festa li kienet qrib, i.e. il-Festa ta' Santu Kruċ (3 ta' Mejju). Dak inhar tqaddset il-Quddiesa Solenni Prepożitali, wara li kien ilu ma jsir hekk madwar erbatax-il sena. (Jixraq li l-qarreja jkunu jafu li l-Festa tal-Qaddisa xorta waħda baqgħet issir, bil-Purċissjoni filgħodu u kien imexxi l-Festa il-Kanonku Ebdomadarju, li jkun imissu jmexxi ċ-ċelebrazzjonijiet u l-uffiċjatura tal-kor). F'din il-festa ħadu sehem il-baned ewlenin. Dak inhar kien ġie jżurna Mons. Arċisqof Gonzi u ġie milqugħ b'applaws sinċier. Fi triqtu lejn il-Palazz tal-Belt, il-poplu tant għamillu akkompanjament ferrieħi, li kien saħansitra daqq nofs il-lejl meta l-karozza tiegħu waslet quddiem il-Knisja ta' Fleur-de-Lys.

Għaliex Bażilika?

---

Skond kittieba tal-Knisja, il-Bażilika hi post ta' qima. Skond il-kittieb Ewsebju, Bażilika kien il-post fejn is-sultan kien ikollu l-għamara bħala d-dar tiegħu. Illum Bażilika tfisser dak il-bini famuż, mibni skond stil u xejra differenti. F'Ruma hemm erba' Bażilki maġġuri; dik tal-Vatikan, l-Arċibażilika tas-SS,mu Salvatur fil-Lateran, il-Bażilika tal-papa. Kien l-istess Kostantinu li rregala dan il-Palazz lill-Papa. Hemm il-Bażilika ta' Santa Maria Maggiore u dik ta' San Paolo Fuor le Mura. Fl-istess Belt Eterna hemm ukoll dik ta' Santa Croce in Gerusalemme, ta' S. Sabina u ta' San Pietro in Vincoli.

L-Insignia tal-Bażilika
(Salib Papali fuq il-Frontispizju, Tribuna b'Altar Mejda, Umbrellun u Tintinnabulum)

---

Il-Kapitlu u l-poplu ta' dak iż-żmien ma setgħux ilestu kollox f'ħakka ta' għajn. Għalhekk konna ssellifna l-Umbrellun u t-Tintinnabulum tal-Bażilika tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt, li fl-1995 iċċelebrat iċ-ċentinarju tagħha. Aktar tard ta' qabilna bdew jaħsbu biex ikollna l-insignia tagħna. L-umbrellun ġie minsuġ u maħdum mis-Sinjorina Helen Pizzuto ta' Santa Venera. Nistqarr li dan hi għamlitu bla ħlas, għax xtaqet li jkun id-donazzjoni tagħha personali lejn il-qaddisa li hi ġġib isimha. Hi wkoll irrakkmat l-istemmi li hemm fil-pendenti tiegħu, i.e. dik ta' Papa Urbanu VIII, ta' Mons Gonzi, tal-poplu ta' Birkirkara, tal-Papa Piju XII ta' Mons Emanuel Vella Prepostu. Il-lasta ewlenija tiegħu ġiet maħduma mill-familjari tal-Prepostu Vella u l-ebanista Pietru Pawl Muscat ħadem fl-injam il-mekkaniżmu ta' l-istess umbrellun.

Illum id-drapp ta' dan l-umbrellun li għalaq nofs seklu jintuża f'kull solennita' (f'Birkirkara u kull fejn matul dan l-aħħar nofs seklu il-Kapitlu kien mistieden jagħti s-servizzi tiegħu) tilef ħafna mil-lewn oriġinali tiegħu. Kien ġest tassew f'waqtu li s-Soċjeta' Filarmonika Sant'Elena b'vot unanimu tal-Kumitat tagħha ddeċidiet li, fl-okkażjoni taċ-ċinkwantenarju mill-għoti ta' dan it-titlu prestiġjuż, tirregala lill-Bażilika Elenjana Umbrellun Ġdid, minsuġ u rrakmat professjonalment. Din l-offerta ġiet milqugħa bil-ferħ mill-Kapitlu u qed jiżżanżan din is-sena stess.

Ħamsin sena ilu ġie maħdum ukoll it-Tintinnabulum. Il-Kapitlu kien qabbad lil Emanuel Buhagiar biex jagħmel id-disinn u wara li l-Kapitlu approvah, l-istes skultur esegwih fl-injam. Fuqu ġew impinġija l-istemma ta' Papa Pacelli u dik ta' l-Arċisqof Gonzi. L-indoratura saret minn Bugeja tar-Rabat u l-qanpiena tant intunata hi rigal tal-kampanilist Karkariż Carmelo Gatt (il-Membru).

Żgur li t-tintinnabulum jintuża aktar mill-Umbrellun. L-indoratura tiegħu iddeterjorat u kien hemm bżonn li jiġi ndurat mill-ġdid. B'xorti tajba il-Kumitat tal-Banda Duke of Connaught b'vot unanimu iddecieda li s-sehem tiegħu lill-Bażilika Elenjana jkun l-indoratura mill-ġdid ta' l-istess Tintinnabulum komplut b'kollox, xogħol li twettaq mid-ditta Darmanin tal-Belt, l-istess Ditta li esegwiet xi snin ilu l-indoratura tal-pedistall ta' l-istatwa.

Ħamsin sena ilu, ġew meħjuta l-uniformijiet ta' min jerfa' kemm l-umbrellun kif ukoll it-tintinnabulum. Kien intalab disinn minn pittur f'Ruma fuq l-istil tal-Guardie Nobili ta' Ruma. Inxtara d-drapp meħtieġ u ġie meħjut b'sengħa kbira mill-ħajjat Abele Muscat li refgħu l-ewwel darba mgħejjun minn Ninu Ebejer, li flimkien kienu ħietu wkoll l-apparat kollu tal-festa. Dan l-umbrellun refgħuh ukoll John Portelli u Nikola Azzopardi, iben Nikola. Kien hemm qlub twajba oħra, fosthom Fr. Frankie Micallef S.J., uffiċjal għoli fl-Air Force Kanadiża, li offra żewġ xwabel bħala parti mill-uniformi ta' min jerfa' l-insgnia ta' l-umbrellun u t-tintinnabulum. B'xorti ħażina xi ħallelin kienu daħlu l-Knisja fil-lejl tas-27 ta' Novembru 1981 (ġrajja li għandha t-togħma ta' misterju!) u dawn isterqu. Il-Kavallier Ciappara, Karkariż ta' fibra li ħalliena xi snin ilu, kien irregalalna oħrajn bħalhom u li għadhom jintużaw sal-lum.

Is-Salib Papali tal-frontispizju li jiddomina fuq il-pjazza, kien sar ta' l-injam. Dan l-aħħar ġie mibdul ma wieħed ġdid, magħmul minn materjal aktar reżistenti u dekorat minn bozoz. Dan qed jikkomplimenta r-restawr bil-għaqal ta' diversi ġebel tal-faċċata ta' dan il-kapolavur fil-barokk (taħt l-osservazzjoni attenta tal-Perit Denis De Lucca) u li flimkien ma' l-Appostli ġodda, iżda replika ta' dawk tal-bidu, isebbħu u jpaxxu l-għajn tal-viżitaturi.

Ma xtaqtx insemmi t-Tribuna li ma saritx. Personalment nifraħ li ma tbiddel xejn. Kieku sar dan, konna nitilfu altar mżewweġ b'irħam ta' kwalitajiet differenti, it-tużell, il-ventartal tal-fidda magħmul minn Cannataci u l-armar prezzjuż ta' fuqu dawk il-fjuretti tal-ganutill, kieku min jaf x'sar minnhom. Fl-idea tiegħi konna nitilfu dehra tant imponenti kif nafuha llum, ma' oħra li min jaf x'sura kien ikollha!

Għeluq

Nieħu spunt mill-ilwien ta' l-umbrellun. Huma żewġt ilwien papali. L-isfar per eċċelenza jfakkarna fil-Papa, il-Vigarju ta' Kristu, li tiegħu hu l-millenju; Kristu hu l-bidu u t-tmiem, il-bieraħ u llum, issa u għal dejjem. Il-lewn aħmar, li l-Knisja tuża bħala l-lewn liturġiku fil-festi tal-martri u ta' l-Ispirtu s-Santu u fil-Festi tas-Salib, ifakkarna fil-lealta' tagħna lejn Kristu, ukoll f'ċirkustanzi diffiċli, bħala xhieda tiegħu fid-dinja ta' llum; il-qanpiena tat-tintinnabulum sservi ta' sinjal jew aħjar ta' stedina biex timliena bil-ferħ aħna u mexjin lejn dar il-Mulej. L-umbrellun jagħtini spunt biex niftakar li taħt il-kenn tal-Mulej, jien u kull nisrani nkunu fiż-żgur kif jixtieq iwassal is-Salmista meta kiteb: "Il-Mulej hu l-kenn u s-salvazzjoni tiegħi".

Qegħdin fis-sena tal-Ġublew il-Kbir, meta jsiru diversi pellegrinaġġi lejn postijiet ta' qima. Wara kollox il-ħajja tan-nisrani hi wkoll pellegrinaġġ lejn l-Art imwegħda li Alla ħejja għal dawk kollha li jħobbuh. Fosthom hemm il-Patruna tagħna. Fejn hi tridna u tixtieqna lilna lkoll, meta jasal il-waqt. Jiddependi minna.

***PAPA PIJU XII***

*Biex għal dejjem jibqa' mfakkar:*
*Nafu tant sewwa bil-gżira ta' Malta, fejn sa minn żmien l-Appostli, (Pawlu) x-Xandar ta' l-Evanġelju wassal hemm it-twemmin nisrani, miżmum fis-sod bir-raġun kollu u b'heġġa ġenwina. It-tjieba hekk kbira tal-poplu nisrani f'dik il-gżira wasslet biex jinbnew b'arti tempji diversi li jixirqu lil Religjon hekk nobbli. Fost dawn it-tempji għandu post ewlieni t-tempju ddedikat 'l Alla ad unur ta' San 'Elena fir-raħal hekk imsejjaħ ta' Birkirkara, li fih dan il-kobor kemm ukoll il-għamla jispikka bi xbihat ta' rħam, b'pittura mirquma bi ħwejjeġ tad-deheb. Fuq kollox dan il-maqdes li hu Kolleġġjata u Tempju parrokkjali, jagħti lok għal ċelebrazzjonijiet qaddisa. Fih il-kanonċi u Ministri oħra joffru s-servizzi liturġiċi tagħhom.*

*Bil-għan li d-dinjita ta' dan it-tempju tikber u biex il-ħeġġa, l-imħabba u l-qima aktar joktru, il-Venerabbli huma Mikiel Gonzi, Arċisqof ta' Malta, bi premura kbira talab biex l-hekk imsejħa Kolleġġjata nonorawha bit-titlu ta' BAŻILIKA MINURI. Aħna bir-rieda tajba tagħna, waqt li ngħarfu l-kobor u l-ġieħ ta' l-istess tempju u dan qed isir biex in-nies tal-post jitheġġu fil-ġejjieni għall-qima aktar devota fil-ħwejjeġ qaddisa, bl-istess rieda tajba, niddeċiedu li nilqgħuha. Għalhekk wara li aċċertajna ruħna sewwa u rriflettejna tajjeb, b'rieda sħiħa tagħna u bil-milja tas-setgħa appostolika tagħna, b'mod li jibqa' għal dejjem, qed niddikjaraw bil-kitba.*

*Il-maqdes mibni 'l Alla ad unur ta' Sant' Elena Armla, fir-raħal hekk imsejjaħ ta' Birkirkara, li jinsab fl-Arċidjoċesi ta' Malta, ngħolluh għad-dinjita' u għall-unur ta'*
*BAŻILIKA MINURI*
*Aħna ngħolluh u nagħnuh bi drittijiet u privileġġi li bi dritt huma annessi ma' dan it-titlu. Permezz ta' dan id-dokument uffiċjali, rridu li jibqa' sod u bla mittiefes, bil-kisba ta' l-effetti sħaħ u totali annessi miegħu, biex kemm dawk li huma konċernati jew li jistgħu jkunu konċernati fil-ġejjieni jibbenefikaw minnu, hekk għandu jitqies u jkun mifhum. Għalhekk ikun bla siwi u bla valur, jekk xi ħadd b'mod kuntrarju, dwar dan fuq deskritt, ukoll minn kull awtorita', kemm bla ebda ħsieb inkella apposta jipprova jġib bix-xejn.*

*Mogħti minn Ruma taħt is-siġill papali ta' Pietru s-sajjied fil-jum tat-Tmintax ta' Jannar 1950, fil-ħdax il-sena tal-Pontifikat tagħna.*

*Mogħti bis-Siġilli*
*tad-Dokumenti*
*Pontifiċji*

*L + S*

*Gildo Brignola*
*Kap Uffiċċju*
*B'ordni speċjali tal-Q.T.*
*għal Kardinal Kap ta' l-uffiċċju ta' l-affarijiet barranin*

*Firma tal-Kardinal*